

31988R4235

L 373/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

31.12.1988

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 4235/88
tal-21 ta' Diċembru 1988**

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 918/83 li jstabilixxi sistema tal-Komunità dwar eżenzjonijiet minn dazju

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28 tiegħu.

Wara li kkunsidrat il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tar-riċerka xjentifika qed tespandi b'mod mgħaġġel; billi dawk il-kuntatti, li huma ta' mportanza konsiderevoli fid-dinja kemm issa kif ukoll fil-futur, għandhom ikunu nkorraġġiti;

Billi forma waħda ta' kooperazzjoni xjentifika għal stabiliment ta' riċerka bażati fi Stat Membru hi li jiġu mpoġġija stallazzjonijiet, ħafna drabi b'riżultat ta' investiment konsiderevoli, għad-dispożizzjoni ta' riċerkaturi minn pajjiżi oħra, inklużi pajjiżi mhux membri; billi dan jippermettilhom li jagħmlu programmi ta' riċerka konġunta fil-kuntest ta' ftehim ta' kooperazzjoni magħmula bejn stabilimenti ta' riċerka f'diversi pajjiżi; billi, sabiex jispiċċaw xogħolhom b'suċċess, riċerkaturi jeħtieġu ċertu apparat li huma jimportaw għal użu fit-tul fi stabbilimenti ta' riċerka tal-Komunità;

Billi, minħabba t-tul tal-perijodi li għalihom l-apparat ikun użat, dawk l-importazzjonijiet ma jikkwalifikawx għal arranġamenti ta' importazzjoni temporanja introdotti permezz tar-Regolament (KEE) Nru 3599/82 ⁽¹⁾, skond l-aħħar emendi permezz tar-Regolament (KEE) Nru 1620/85 ⁽²⁾;

Billi r-riċerka msemmija hi ta' natura mhux kummerċjali; billi l-apparat importat mhux intenzjonat biex itejjeb l-istallazzjonijiet ta' l-istabilimenti tal-Komunità li jservu ta' qafas għall-arranġamenti ta' kooperazzjoni hawn fuq imsemmija; billi l-apparat importat jibqa' l-propjeta ta' persuna naturali jew legali residenti f'pajjiż mhux membru; billi s-sitwazzjonijiet imsemmija huma eċċezzjonali u mhux koperti permezz ta' l-L-Artikoli 52 sa

59 tar-Regolament (KEE) Nru 918/83 ⁽³⁾, skond l-aħħar emendi permezz tar-Regolament (KEE) Nru 1315/88 ⁽⁴⁾; billi l-miżuri speċifiċi għandhom għalhekk ikunu ntrodotti biex tingħata għajjnuna minn dazji ta' importazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu li ġej hu mdaħħal fir-Regolament (KEE) Nru 918/83:

“Artikolu 59a

1. Apparat importat għal skopijiet mhux kummerċjali minn jew għan-nom ta' stabiliment ta' riċerka xjentifika jew organizzazzjoni bażata barra mill-Komunità għandu jidħol ħieles minn drittijiet ta' mportazzjoni.

2. L-għajjnuna għandha tingħata sakemm l-apparat:

- (a) ikun maħsub għall-użu minn jew bi ftehim tal-membri jew rappreżentanti ta' l-istabilimenti u organizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 fil-kuntest u fil-limiti tal-ftehim ta' kooperazzjoni xjentifika li l-għan tagħha hu li jsiru programmi ta' riċerka xjentifika internazzjonali fi stabilimenti ta' riċerka xjentifika bbażati fil-Komunità u approvati għal dak il-għan mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri;
- (b) jibqa' l-propjeta ta' persuna naturali jew legali residenti barra mill-Komunità matul il-waqfa tiegħu fit-territorju doganali tal-Komunità.

3. Skond it-tifsira ta' dan ir-Regolament:

- apparat ifisser strumenti, apparat, makni u l-aċċessorji tagħhom inklużi biċċiet ta' rikambju u għodda disinjati

⁽¹⁾ ĠU L 376, tal-31.12.1982, p. 1

⁽²⁾ ĠU L 155, ta' l-14.6.1985, p. 54.

⁽³⁾ ĠU L 105, tat-23.4.1983, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 123, tas-17.5.1988, p. 2.

b'mod speċjali għall-manutenzjoni tagħhom, spezzjoni, kalibrazzjoni jew tiswija, użati għall-fini ta' riċerka xjentifika,

- apparat maħsub għall-użu ta' riċerka xjentifika magħmula għal finijiet mhux ta' profitt hu kunsidrat li jkun 'importat għal finijiet mhux kummerċjali'.

Artikolu 59b

1. Apparat imsemmi fl-Artikolu 59a li jkun iddaħħal mingħajr il-ħlas ta' dazju b'mod konformi mal-kondizzjonijiet stabiliti fl-imsemmi Artikolu ma jstgħux jiġu mislufa, mikrija jew trasferiti, kemm bi ħlas jew mingħajr ħlas, mingħajr notifika bil-quddiem lill-awtoritajiet kompetenti.

2. Jekk l-apparat jiġi misluf, mikri jew trasferit lil stabiliment jew organizzazzjoni jagħti jedd li jibbenefika minn għajjnuna bis-saħħa ta' l-Artikolu 59a, l-għajjnuna għandha tkompli tingħata sakemm l-istabiliment jew organizzazzjoni juża' l-apparat għal skopijiet li taw dritt għal dik l-għajjnuna.

F'każijiet oħra, u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 52 u 53, tislif, kiri jew trasferiment għandu jkun suġġett għal pagament ta' dazju minn qabel, bir-rata applikabbli fid-data tas-self, kirja jew trasferiment, bbażata fuq it-tip ta' apparat u l-valur doganali aċċertat jew aċċertat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fil-21 ta' Diċembru 1988.

3. Stabilimenti jew organizzazzjonijiet imsemmi fl-Artikolu 59a (1) li ma jibqgħux jaderixxu mal-kondizzjonijiet biex jikkwalifikaw għal għajjnuna jew li jkunu qed jipproponu li jużaw l-apparat imdaħħal mingħajr il-ħlas ta' dazju għal skopijiet minbarra dawk li jinsabu f'dak l-Artikolu għandhom jinfurmaw b'dan lill-awtoritajiet kompetenti.

4. Apparat użat minn stabilimenti jew organizzazzjonijiet li ma jibqgħux jaderixxu mal-kondizzjonijiet li jkunu ntitolawhom għal għajjnuna għandhom ikunu suġġetti għad-dazju rilevanti bir-rata applikabbli fid-data li fiha dawk il-kondizzjonijiet ma jkunux aktar mitmuma, fuq il-bażii tat-tip tal-artikolu u l-valur tad-dwana aċċertat u aċċertat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti.

Mingħajr preġudizzju għal l-Artikoli 52 u 53, apparat użat mill-istabiliment jew organizzazzjoni li bbenefika mill-għajjnuna għal skopijiet minbarra dawk provduti fl-Artikolu 59a għandu jkun suġġett għad-dazju rilevanti kalkulat bħala applikabbli fid-data li fiha jitpoġġa għal użu ieħor, abbażi tat-tip ta' apparat u l-valur tad-dwana aċċertat u aċċertat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1989.

Dan għandu japplika b'effett mill-1 ta' Lulju 1989.

Għall- Kunsill

Il-President

V. PAPANDREOU